19 ta' Ġunju, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Annetto Xuereb Montebello et. *versus* Paolina Magri et.

**Spoll — Reintegrazzjoni — Servitù "Luminum", "Ne Luminibus Afficiatur", u "Altius Non Tollendi" — Pussess — Tolleranza — Tieqa — Terminu — Art. 563 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu paċifiku fil-ġurisprudenza maltija illi l-eżistenza ta' tieqa miftuħa fil-fond proprju għal fuq art jew spazju mhux mibni ta' ħadd ieħor ma hix servitù, imma sofferenza prekarja sakemm l-art jew spazju jibqgħu mhux mibnijin. U sid din l-art jew dan l-ispazju jista' jibni u jimmura t-tieqa, ammenokkè s-sid tal-fond li fih hi miftuħa t-tieqa ma jippruvax, mhux is-servitù "luminum", imma jew is-servitù "ne luminibus afficiatur" jew dik "altius non tollendi".*

*Hu elementari, f'materja ta' pussess, illi l-pussess li trid il-liġi fl-ispoljat għall-finijiet ta' l-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bżonn*

*ikun il-pussess b'titolu ta' proprjetà jew ta' servitù, iżda hu biżżejjed pussess kwalunkwe, anki purament materjali u "di fatto". Imma hu dejjem meħtieġ li l-attur jipprova li għandu "un possesso di fatto".*

*Issa, l-atti ta' mera tolleranza ma jistgħux iservu ta' fondament għall-akkwist tal-pussess; u allura tiegħa simili, li hija sempliċi att ta' tolleranza, ma tagħtix lanqas dak il-pussess kwalunkwe li huwa oġġett tar-reintegranda.*

*Jekk stess l-ispoljat għandu pussess tutelabili bl-azzjoni tar-reintegranda, l-azzjoni tiegħu ma tirnexxix jekk ma tkunx ġiet eżerċitata "infra bimestre".*

*Fid-dottrina u fil-ġurisprudenza hemm diskordja dwar minn meta għandu jibda jgħaddi dan it-terminu ta' xahrejn. Uħud isostnu li dan it-terminu jibda jgħaddi mill-aħħar att konsumativ ta' l-ispoll; oħrajn jgħidu illi kemm l-ispoll ukoll meta jiġi kommess att li jiddisturba l-godiment, avvolja ma jkunx ġieb privazzjoni totali tal-godiment lill-ispoljat.*

*Fil-każ preżenti, dina l-kwistjoni ma ġietx deċiża; u dana għaliex il-Qorti sabet illi, anki kieku kellha tittieħed it-teżi l-aktar favorevoli għall-attur, illi ċjoè t-terminu ta' xahrejn għandu jibda jgħaddi mill-aħħar att konsumativ ta' l-ispoll, jiġi li dejjem l-azzjoni ġiet eżerċitata wara li kien għadda dak it-terminu. U dan apparti li l-istess Qorti rriteniet ukoll illi l-azzjoni ma setgħetx tirnexxi anki għaliex l-attur ma kellux il-pussess tutelabili bl-azzjoni ta' spoll.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew *illi l-instanti huma proprjetarji* tal-fond numru 12 Strada Stretta, Żabbar, li għandu s-servitù tad-dawl minn tieqa kontra l-fond nru. 11 Strada Stretta, Żabbar, liema fond huwa ta' proprjetà *tal-konvenuti; u illi* l-konvenuti *reċentement* saqqfu l-ambjent li għalieħ tagħti t-tieqa fuq imsemmija, bi vjolenza u klandestinità; illi b'dan il-mod saret vjolazzjoni illegali tal-pussess *tas-servitù fuq imsemmija li* għandhom l-instanti, liema vjolazzjoni arbitrarja u illegali tikkostitwixxi spoll fis-sens tal-liġi; u illi l-konvenuti ġew inutilment *interpellati biex ma jikkontinwawx* il-vjolazzjoni li qegħdin jikkommettu u jirrimwovu s-saqaf li qiegħed ineħħi d-dawl mill-imsemmija tieqa; talbu illi, wara li jiġu mogħtija

d-dikjarazzjonijiet neċessarji, inkluża, jekk hemm bżonn, dik ta' l-eżistenza ta' l-ispoll kontra l-possessur a tenur tal-liġi, u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati minn dina l-Qorti biex jirreintegraw lill-instanti fil-godiment u pussess kollu tas-servitù fuq imsemmija, billi jirrimwovu 's-saqaf, jew parti mis-saqaf, minnhom magħmul, u jgħamlu x-xogħolijiet li dina l-Qorti tistabbilixxi, sabiex l-instanti jerġgħu jitpoġġew fid-dgawdija u pussess tas-servitù taddawl kif kienu qabel; u dana fit-terminu qasir u perentorju li dina l-Qorti tipprefiġġilhom; u illi l-instanti jiġu awtorizzati li, fin-nuqqas ta' dan fiż-żmien stabbilit, jeżegwixxu dak ix-xogħol huma stess à spejjeż tal-konvenuti, taħt id-direzzjoni tal-perit li jgħogobha tinnomina l-Qorti għal dan l-iskop. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tat-30 ta' Novembru 1951, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Novembru 1952, li biha dik il-Qorti ddeċediet billi, fil-waqt li asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-kawża in kwantu diretta kontra l-konvenuta Paolina Magri, in vista tan-nota ta' rinunzja relativa ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom, laqgħet it-talba ta' l-atturi kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni in kwantu diretta kontra l-konvenuti Vincenza Cassar u Giovanni Mifsud; u għall-finijiet tagħha pprefiġġiet lil dawn il-konvenuti t-terminu ta' xahar, prorogabili għal ġusta kawża; u fil-każ li dan it-terminu jgħaddi inutilment, awtorizzat lill-atturi jeżegwixxu huma stess ix-xogħol li għandhom jagħmlu l-konvenuti Cassar u Mifsud, bi spejjeż ta' dawn, taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Civili Professur John Gatt, li gie għal dan l-iskop nominat; u ordnat li l-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti Cassar u Mifsud, barra minn dawk tar-rikors tat-3 ta' Novembru 1952, u tar-risposta tal-konvenuta Magri ta' l-14 ta' Novembru 1952, li għandhom jibqgħu a kariku ta' l-atturi; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi min igib 'il quddiem azzjoni bħal dik intentata mill-atturi, li hija ta' spoll "de recenti", fiż-żmien imsejjaħ "privileġġjat", u jirnexxi fiha, hemm bżonn li jipprova tliet rekwiżiti, li huma (a) "possedisse", (b) "spoliatum fuisse", u (c) "infra bimestre deduxisse" (Vol. XXXI—I—236); liema

spoll irid ikun vjolent jew klandestin — "vi aut clam" (Vol. IX, 777; Pacifici Mazzoni, Inst. Diritto Civ., Vol. III, II, 51);

Illi, dwar l-ewwel u t-tieni rekwiżit, ġie pruvat illi l-fond ta' l-atturi għandu almenu d-dgawdija tad-dawl minn tieqa kontra l-fond tal-konvenuti Cassar u Mifsud, kif jingħad fil-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Salvatore Cauchi tas-27 ta' Jannar 1930 (fol. 99 tal-proċess), jiġifieri "una finestrella 'ad lumen' guardante per la casa..........", il-lum il-fond ta' l-imsemmija konvenuti; u għalhekk għandhom id-dgawdija tad-dawl kollu mill-fond tal-konvenuti Cassar u Mifsud kif kien fiż-żmien ta' dak il-kuntratt, jew almenu, u żgur, kif kien immedjatament qabel ma sar it-tisqif li sejjer jissemma. Jirriżulta illi dan id-dawl fil-fond ta' l-atturi kien irid, u għandu jittieħed minn ambjent fil-fond tal-konvenuti Cassar u Mifsud li kien minn dejjem mikxuf, jiġifieri mhux imsaqqaf. U għalhekk il-fond ta' l-attriċi għandu jkollu d-dgawdija tad-dawl fuq imsemmi mill-ambjent mhux imsaqqaf tal-fond tal-konvenuti Cassar u Mifsud. Issa, jirriżulta li f'dan l-aħħar żmien, u fir-rikostruzzjoni tal-fond tagħha, il-konvenuta Cassar saqqfet l-ambjent fuq imsemmi, li minnu l-kamra tal-fond ta' l-atturi kienet tieħu d-dawl, u hekk evidentement naqqset lill-atturi mid-dgawdija ta' dak id-dawl. Ġie wkoll pruvat illi dan *it-tisqif sar mill-konvenuta Cassar kontra l-volontà ta' l-atturi*, u kwindi sar bi vjolenza (Vol. XX—II—368; XXVIII—III—1314), billi, kif xehed l-Avukat Dr. Lorenzo Cassar, ir-raġel tal-konvenuta Cassar, huwa qal lill-inġħallem biex ikompli x-xogħol wara li l-istess imgħallem kien qallu illi l-atturi kienu joġġezzjonaw għalih (fol. 18 tergo). Għalhekk jirrikorru fl-azzjoni ta' l-atturi l-ewwel żewġ rekwiżiti fuq imsemmijin;

Illi mhuwiex meritu ta' dina l-kawża, li hija dik ta' spoll, illi jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Cassar u Mifsud, u li huma kollha, wieħed jista' jgħid, ta' natura perentorja, dawk jiġifieri illi d-dgawdija ta' l-atturi ma tikkostitwix vera u proprja servitù, imma, fil-każ, biss mera tolleranza; illi t-tieqa fuq imsemmija mhijiex vera tieqa, imma biss rewwieħa; u illi bit-tisqif li sar minnha l-atturi ma ġewx preġudikati. Infatti, f'materja ta' spoll ma tista' tiġi permessa ebda eċċezzjoni qabel ma jiġi reintegrat l-ispoll, għax "spoliatus ante omnia restituendus" (Vol. XXI—I—488; XXXIII—II—83; XXXI—I

—296), billi din l-azzjoni hija ta' ordni publiku, u hi intiża illi tipprojbixxi illi wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh u mingħajr l-intervent tat-tribunali (Vol. XXIII—II—154). L-azzjoni ta' spoll hija privileġġjata, u kontra tagħha mhumiex ammissibili eċċezzjonijiet oħra ħlief dilatorji; u l-eżami tal-Qorti għandu jkun limitat għall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess (Vol. XXX—II—85; XXXII—I—45), u mhux għall-investigazzjoni tan-natura tal-pussess ta' l-ispoljat; għaliex il-liġi ma tirrikjedix ħlief pussess materjali u ta' fatt (Vol. XXVIII—I—505). Każ wieħed hemm meta l-ġudizzju ta' spoll jista' jiġi sospiż; u dan huwa meta l-pussess ikun ekwivoku u mhux manifest; u dan għaliex allura tkun tonqos il-konkorrenza ta' wieħed mill-elementi li trid il-liġi għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni (Vol. X, 55; XXI—I—488);

Imma fil-każ preżenti, il-pussess ta' l-atturi mhux ekwivoku, u anzi hu manifest biżżejjed. Kif ingħad, għal din l-azzjoni l-liġi ma tirrikjedix il-prova tal-leġittimtà tal-pussess tat-turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessur "in mala fede" u kontra l-istess proprjetarju tal-ħaġa li tagħha jkun hemm il-pretensjoni li ġie kommess spoll (Vol. XXX—I—165). It-tribunal għandu jeżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni, u l-fatt ta' l-ispoll. U hemm ir-rekwiżit ta' spoll anki meta l-ispoljat għandu s-sempliċi detenzjoni (Vol. XXI—I—296); u dan ukoll jekk dina d-detenzjoni tkun prekarja, jiġifieri mingħajr kawża ġuridika (Vol. VI, 129; IX, 779; XVI—II—213; XXVIII—II—381; XXVIII—III—1314);

Il-pussess meħtieġ fil-kawżi ta' spoll "de recenti" hu l-pussess materjali u ta' fatt (Vol. X, 55), ta' kwalunkwe pussess (Vol. VII, 16; XXIV—I—661; XXX—I—55); u f'azzjoni simili mhux meħtieġ lil min jagħmilha illi jipprova li għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù fuq il-ħaġa li minnha jiġi spoljat bi vjolenza jew klandestinità (Vol. XXIV—I—658). Fl-azzjoni ta' spoll l-ispoljat hu fid-dritt illi jinsisti li l-ħaġa tiġi rimessa fl-istat li kienet qabel, salvi r-raġunijiet li fil-ġudizzju petitorju jistgħu jirriżultaw kompetenti lill-ispoljant (Vol. X, 980);

Illi, dwar it-tielet rekwiżit, kif tajjeb jissottomettu l-atturi, għandu jiġi ritenut illi l-ispoll ġie effettwat meta spiċċa

t-tisqif tal-kamra tal-konvenuti Cassar u Mifsud, li qabel kienet ambjent bla saqaf. Dwar daqshekk jinghad illi l-Avukat Dr. Cassar xehed...... Għalhekk l-azzjoni ġiet intentata mill-atturi fit-terminu, b'mod illi anki t-tielet rekwiżit jirrikorri fl-azzjoni ntentata mill-atturi;

Illi l-atturi rrinunzjaw għall-azzjoni in kwantu diretta kontra l-konvenuta Paolina Magri......;

Rat in-nota ta' l-appell (fol. 120) tal-konvenuta Vincenza Cassar, assistita minn żewġha Avukat Dr. Lorenzo Cassar, il-lum bħala direttarja tal-fond "de quo", u ta' Giuseppe Mifsud, il-lum bħala enfitewta temporaneu ta' l-istess fond, u l-petizzjoni tagħhom fol. 121, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġu esklużi t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza maltija illi l-eżistenza ta' tieqa miftuħa fil-fond proprju għal fuq l-art jew spazju mhux mibni ta' ħaddieħor ma hix servitù; imma soffe-renza prekarja sakemm l-art jew spazju jibqgħu mhux mibnija; u sid dina l-art jew spazju jista' jibni u jimmura t-tieqa, am-menokkè sid il-fond li fih hi miftuħa t-tieqa ma jippruvax, mhux is-sempliċi servitù "luminum", imma jew is-servitù "ne luminibus officiatur" jew is-servitù l-oħra "altius non tollendi" (ara App. "Perini vs. Buttigieg", 28 ta' Diċembru 1860; Appell "Barbara vs. Falzon", 28 ta'Novembru 1890; Prim'Awla "Stivala vs. Field", 29 ta' Ġunju 1938);

Fil-każ preżenti, ebda prova ta' waħda minn dawn iż-żewġ servitujiet ma ġiet magħmula mill-atturi. Anzi, jekk xi ħaġa, l-att eżibit mill-atturi fol. 101, jirriferixxi espressament għal "finestrella ad lumen";

Għalhekk il-Qorti għandha tinvesti l-pont jekk l-eżistenza b'tolleranza ta' tieqa simili tikkostitwixxix pussess tutelabili bl-azzjoni ta' spoll;

Hu elementari f'dina l-materja illi l-pussess li trid il-liġi għall-finijiet ta' l-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bżonn li jkun il-pussess b'titolu ta' proprjetà jew ta' servitù, iżda li hu biżżejjed pussess "kwalunkwe", anki purament materjali u "di fatto" (ara P.A. "Scicluna vs. Zarb", 15 ta' Jannar

1874);

Però jeħtieġ dejjem li l-attur jipprova li għandu "un possesso di fatto";

Issa, b'liġi (art. 563 Kap. 23 Ediz. Riv.), l-attijiet ta' sempliċi tolleranza ma jistgħux jiswew ta' fondament għall-akkwist tal-pussess, u appuntu l-eżistenza ta' tieqa simili hi att ta' tolleranza, skond il-ġurisprudenza kostanti fuq ċitata;

Jista' jiġi oġġezzjonat li fl-artikolu ċitat il-liġi kienet qegħedha tirriferixxi għal pussess "leġittimu", mentri għall-azzjoni ta' spoll ma jeħtieġx il-pussess leġittimu, imma hu biżżejjed il-pussess materjali. Iżda din l-oġġezzjoni ma treġġix; għaliex minn notamenti ta' l-istess leġislatur Sir Adran Dingli għall artikolu in kwistjoni (allura nru. 221 Ord. VII ta' l-1868) jidher li hu kien deliberatament qiegħed jirriferixxi għa "kwalunkwe" pussess, u mhux għall-pussess leġittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joħolqux il-pussess. Infatti n-notament tiegħu hu appuntu f'dan is-sens :— "Ho soppresso la parola "legittimo", perchè, secondo la mia definizione, questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente detto......";

Applikazzoni prattika ta' daqshekk kienet ġa tinstab fis-sentenza "Testaferrata Viani vs. Theuma Castelletti", Prim' Awla 6 ta' Frar 1965, Vol. III, p. 257, li fiha ġie negat l-ispoll li kien ippretenda l-attur li sar għad-dannu tiegħu. L-ilma taxxita li kien jaqa' fuq il-bjut ta' fond tal-konvenut Konti Theuma Castelletti kien minn żmien antik imur fil-bir ta' fond viċin ta' l-attur Baruni Testaferrata Viani. Il-Konti għamel bir fil-fond tiegħu u ddevja l-ilma li kien jaqa' fuq il-bjut tiegħu. Il-Baruni fittxu għall-ispoll; iżda l-Qorti ċaħdet l-istanza, evidentement għaliex il-Konti kellu kull dritt li jiddevja ġol-bir tiegħu l-ilma li jaqa' fuq il-bjut tiegħu, u li biss b'tolleranza kien jinġabar fil-bir ta' l-attur;

Il-Ġurisprudenza Taljana (avvolja fid-dispożizzjoni tal-Kodiċi Taljan, art. 688 simili għall-art. 563 malti, hemm il-kelma "legittimo", soppressa minn Dingli) tidher unanimi li ma hemmx pussess tutelabili fejn hemm sempliċi tolleranza :—

"Non è possesso giuridicamente reintegrabile quello che emana da una semplice concessione del proprietario" — Cassazione Roma, 23 Giugno 1905, Santucci c. Di Francesco;

"Non ricorre quel possesso di fatto che dà diritto alla protezione mediante l'azione di reintegra ogni qualvolta il preteso spogliato abbia il godimento di un vantaggio basato sulla semplice tolleranza dei preteso spogliatore" — Cassaz. Torino, 27 ta' Diċembru 1907, Macone c. Guglielmino;

"Non può agire in reintegra del possesso di un diritto di passaggio chi tale possesso ha sempre esercitato per mera tolleranza del vicino e chiedendogliene permesso" — Cassaz. Torino, 15 Dicembre 1908, Longhi c. Migliorati (ara Fadda, art. 695-697);

Għalhekk, ġa ladarba l-eżistenza tat-tieqa fil-każ preżenti għandha tiġi kunsidrata bħala "sofferenza precaria", allura ma hemmx pussess — lanqas dak il-pussess kwalunkwe oġġett tar-reintegrada. L-azzjoni ta' l-ispoll, kwindi, stante n-nuqqas ta' dan l-element, ma tistax tiġi sostnuta;

Jista' jiżdied li, ankorkè "ex hypothesi" wieħed kellu jirritjeni li hemm pussess tutelabili, allura l-azzjoni l-istess ma tirnexxix, minħabba n-nuqqas ta' element ieħor, dak, ċjoè, ta' deduzzjoni fi żmien xahrejn:

Ma hemmx bżonn jingħad li l-prova li l-azzjoni ġiet eżerċitata tempestivament tmiss lill-attur (ara Appell 15 ta' Marzu 1880, "Testa vs. Caruana"). Għalhekk jingħad "actor docere debet ecc. ecc." Issa, f'dan il-każ mhux biss l-attur ma għamel l-ebda prova rassikuranti f'dan is-sens, imma anzi, mill-elementi probatorji proċesswali, jirriżulta li l-istanza ġiet proposta tardivament;

Deher mill-provi (ara dokument fol. 127) li l-ħadid tat-taraġ kien ġa mqiegħed fis-27 ta' Settembru 1951, meta, s'intendi, t-taraġ stess kien ġa lest. Skond ix-xhieda ta' Angelo Brincat fol. 153, meta tqiegħed il-ħadid tat-taraġ, is-saqaf, ċjoè it-tromba tat-taraġ, kien ġa lest, għax it-tisqif isir qabel it-taraġ, biex jiġi evitat li jaqa' xi xriek fuq it-taraġ waqt ix-xogħol tat-tisqif stess, jew waqt ix-xogħol tal-ballata fuq il-bejt. Il-kamra fejn hemm it-tieqa kienet għadha ma ġietx imsaqqfa, iżda l-kuntrattur Brincat kien ġa għamel indana xoroq, qabel ma saqqaf it-taraġ, f'din il-kamra, biex ikunu jistgħu permezz ta' sellum jitilgħu l-ħaddiema bix-xoroq għat-tisqif tat-tromba, li hi aktar għolja;

Vwoldiri, li dik l-indana xoroq saret ċertament qabel is-

27 ta' Settembru 1951, u għalhekk wieħed għandu jara jekk bit-tqegħid ta' dik l-indana xoroq kienx hemm ġa l-ispoll, b'mod li bdew minn dak inhar jiddekorru x-xahrejn tat-terminu;

Fuq din il-materja hemm diskordja fid-dottrina u l-ġurisprudenza estera. Fil-ġurisprudenza lokali ma jidherx li dan il-pont qatt ġie deċiż "ad hoc". Għal min, bħal Borsari (Comm. Cod. Civile, Vol. II, p. 1186), jirritjeni li "la parola 'spoglio' significa la privazione totale del possesso", allura tiġi bħala konsegwenza li t-terminu jibda jgħaddi mill-aħħar att konsumativ ta' l-ispoll. Ir-Ricci ma jaqbelx ma' din l-opinjoni (Corso, Vol. V, para. 109), u jaħseb li spoll hemm ukoll meta jkun hemm att li jiddisturba l-godiment, avvolja ma jkunx ġieb il-privazzjoni totali; u fil-każ preżenti hu ċert li dik l-indana xoroq naqqset, avvolja ma neħħietx għal kollox, l-arja ta' l-apertura, u f'dan is-sens kien hemm, "ex hypothesi", l-ispoll, u t-terminu beda jgħaddi. Il-Kassazzjoni ta' Napli, b'deċiżjoni riportata fil-Giurisprudenza Italiana, XXX, I, 531, irriteniet li t-terminu jiddekorri, fl-azzjonijiet possessorji, mill-ewwel fatt turbativ; mentri l-Kassazzjoni ta' Ruma, f'deċiżjoni riportata fl-Annali Gpza. XI, I, 233, irriteniet li l-attijiet, mill-ewwel sa l-aħħar, għandhom jitqiesu bħala "quid unum", b'mod li t-terminu jibda jgħaddi mill-aħħar att li jikkompleta l-ispoll (ara wkoll diversi deċiżjonijiet fil-Fadda, loc. cit., para. 714 et seq.). Hu ċert li, jekk it-terminu f'dan il-każ jiġi komputat minn meta tqegħedet l-indana xoroq, ċjoè qabel is-27 ta' Settembru 1951, allura, meta saret iċ-ċitazzjoni fit-13 ta' Diċembru 1951, il-bimestre kien għadda;

Però għall-istess konklużjoni, li t-terminu kien skada meta saret din il-kawża, wieħed jiġi anki jekk kellu jirritjeni, favur l-atturi, illi d-"dies a quo" jibda jgħaddi minn meta jkun hemm "l'intera consumazione del fatto materiale";

Infatti l-provi juru dan: il-ħadid tat-tarag kien imqiegħed fis-27 ta' Settembru 1951; it-tarag bilfors kien, kif intqal, ġa lest. Brinċat qal li minn mindu tlesta t-tarag sakemm ordna l-ħadid għaddiet mhux iżjed minn ġimgħa. Anki jekk wieħed jgħid li l-ħaddied lesta x-xogħol (ħaġa improbabili) f'jumejn biss, b'kalkolu dejjem l-aktar favorevoli għall-atturi, jiġi li t-tarag tlesta disat ijiem qabel (ġimgħa pjù jumejn), ċjoè

fil-18 ta' Settembru 1951. Brincat xehed li t-taraġ dam isir ġimgħa; kwindi t-taraġ inbeda fil-11 ta' Settembru 1951, u f'dik id-data t-tromba tat-taraġ kienet imsaqqfa, u l-indana xoroq kienet imqegħda. Issa, l-istess Brincat qal li hu saqqaf il-kumplament tal-kamra, li fiha t-tieqa (fejn kien hemm ġa l-indana xoroq) xi ħmistax il-ġurnata, jew forsi tliet ġimgħat, wara li saqqaf it-tromba tat-taraġ. Issa, anki jekk wieħed kellu jieħu l-maximum (dejjem favur l-attur) ta' tliet ġimgħat, u jżidhom mad-data tal-11 ta' Settembru 1911 (meta t-tisqif tat-tromba tat-taraġ kien sar), jiġi għad-data tat-2 ta' Ottubru 1951. F'din id-data żgur li l-ispoll kien kompletat għal kollox bit-tisqif totali tal-kamra, u żgur kwindi li beda jiddekorri t-terminu ta' xahrejn, li għalhekk għalaq qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni fit-13 ta' Diċembru 1951;

Għalhekk, anki jekk wieħed jieħu t-teżi l-aktar favorevoli li t-terminu jibda jgħaddi mill-konsumazzjoni totali ta' l-ispoll, anki jekk wieħed jieħu għax-xogħol tal-ħadid it-terminu ferm konservativ ta' jumejn, u, f'lok jieħu l-koaċerv bejn il-ġimgħatejn u t-tliet ġimgħat fuq imsemmija, jieħu l-maximum ta' tliet ġimgħat, jiġi dejjem għall-istess konklużjoni tal-għeluq tat-terminu qabel iċ-ċitazzjoni; dan dejjem apparti l-konsiderazzjoni li huma l-atturi li għandhom jippruvaw konkludentement, bħala wieħed mir-rekwiżiti tar-"remedium spolii", li dan ġie eżerċitat fit-terminu;

Minn dan jiġi li l-azzjoni għandha tiġi respinta, mhux biss għax ma kienx hemm pussess tutelabili bl-"actio spolii", imma anki għax, kieku stess kien hemm pussess tutelabili, l-azzjoni ġiet intavolata tardivament, wara l-għeluq tal-bimestre;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-konvenuti, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad l-istanzi proposti mill-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom fil-konfront taż-żewġ konvenuti appellanti. L-ispejjeż tal-konvenuta l-oħra Paolina Magri (li kontra tagħha l-atturi rrinunzjaw fil-prima istanza) jibqgħu kif provveduti mill-Ewwel Qorti.

---